

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 65/2008

tas-6 ta' Ġunju 2008

li temenda l-Anness IX (Is-servizzi finanzjarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness IX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 51/2008 tal-25 ta' April 2008 <sup>(1)</sup>.
- (2) Id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 li għandha x'taqsam mal-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' l-istituzzjoni ta' kreditu (tfassil mill-ġdid) <sup>(2)</sup> għandha tkun integrata fil-Ftehim.
- (3) Id-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar ir-riorganizzazzjoni u l-likwidazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (tfassil mill-ġdid) <sup>(3)</sup> għandha tkun integrata fil-Ftehim.
- (4) Id-Direttiva 2006/48/KE tħassar id-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup>, li hi inkorporata fil-Ftehim u li b'hekk hi mħassra skond il-Ftehim.
- (5) Id-Direttiva 2006/49/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/6/KEE <sup>(5)</sup>, li hi inkorporata fil-Ftehim u li b'hekk hi mħassra skond il-Ftehim.
- (6) Id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE tfassil mill-ġdid ta' l-att imħassar u għalhekk l-adattamenti preżenti taż-ŻEE għal din ta' l-aħħar għandhom jinżammu parzjalment,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Anness IX tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

- (1) It-test ta' punt 14 (id-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) għadu jiġi mibdul b'dan li ġej:

**“32006 L 0048:** Id-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1).

Il-ftehimiet tranżizzjonali stabbiliti fl-Annessi ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 għal Ċipru (Anness VII, Kapitolu 2), l-Ungerija (Anness X, Kapitolu 2, Punt 2) il-Polonja (Anness XII, Kapitolu 3, Punt 2) u s-Slovenja (Anness XIII, Kapitolu 3, Punt 4) dwar id-Direttiva 2001/12/KE għandhom japplikaw mutatis mutandis.

<sup>(1)</sup> ĠU L 223, 21.8.2008, p. 49.

<sup>(2)</sup> ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 177, 30.6.2006, p. 201.

<sup>(4)</sup> ĠU L 126, 26.5.2000, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 141, 11.6.1993, p. 1.

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-addattamenti li ġejjin:

(a) is-segwenti għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu 2:

— Fl-Iżlanda “Byggingarsjóðir ríkisins”;

(b) L-Artikolu 10(2) għandu jinqara:

“Parti Kontraenti tista' tiddeċiedi li l-istituzzjonijiet ta' kreditu diġà eżistenti fl-1 ta' Jannar 1994, li l-fondi tagħhom ma jkunux jilhqqu l-livelli preskritti għal kapital inizjali fil-paragrafi (1) u (2) ta' l-Artikolu 9, jistgħu jibqgħu iwettqu l-attivajiet tagħhom. F'dak il-każ, il-fondi tagħhom ma jistgħux jaqgħu taħt l-għola livell milħuq b'effett mit-2 ta' Mejju 1992.”;

(c) L-Artikoli 38(2) u 38(3) ma japplikawx;

(d) Kull meta Parti Kontraenti tkun iddeċidiet li tibda n-negozjati kif msemmi fl-Artikolu 39 tad-Direttiva, din għandha tinforma lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE b'dan. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jikkonsultaw fi ħdan il-qafas tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fuq liema direzzjoni għandhom jieħdu, kull meta din tkun ta' interess reċiproku.”

(2) It-test tal-punt 31 (id-Direttiva tal-Kunsill 93/6/KEE) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

“**32006 L 0049:** Id-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar l-adeqgatezza tal-kapital tal-kumpaniji ta' l-investment u l-istituzzjonijiet tal-kreditu (riformulazzjoni) (ĠU L 177, 30.6.2006, p. 201).

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bit-tibdil li ġej:

Fl-Artikolu 10(1), it-tieni subparagrafu, il-kliem ‘id-data tan-notifika fid-Direttiva 93/6/KEE’ għandu jinqara ‘id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat taż-ŻEE Nru 7/94 li tinkorpora d-Direttiva 93/6/KEE fil-Ftehim’.”.

#### Artikolu 2

It-testi tad-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li se jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

#### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju 2008, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

#### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

(\*) ħtiġijiet kostituzzjonali huma indikati.